**20 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Buttigieg u Nicola Zammit

*versus*

Angelo Mifsud

**Kompetenza - Digriet - Sentenza**

*Appell minn deċiżjoni fuq kompetenza. Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi a tenur ta' l-artikolu 779 ta' l-*ancien *Kodiċi ta' Proċedura deċiżjonijiet dwar liema Qorti kienet kompetenti jingħataw permezz ta' digriet. Għalhekk il-proċedura ta' appell addottata kienet irrita li ġabet in-nullità ta' l-appell.*

*Din il-proċedura ma għadhiex applikabbli wara fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili bl-emendi ta' l-1995.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut huwa kummerċjant u kera mingħandhom il-fond 15, Triq ir-Rebbiegħa, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u dan għall-użu tal-kummerċ tiegħu; illi l-konvenut naqas li jħallas il-kera ta' tmien trimestri kera dovuti bil-quddiem għall-perijodu mill-1 ta' Jannar, 1981 sal-31 ta'

Diċembru, 1982, talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lilhom is-somma ta' tlett elef, sitt mija u ħamsin lira (Lm3650) bl-imgħax kummerċjali mill-24 ta' Awissu, 1982, fuq Lm3193.75,0 u mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni fuq Lm456.25,0 minnu dovuta għall-kera tal-post fuq imsemmi mill-1 ta' Jannar, 1982 sal-31 ta' Diċembru, 1982; u tordna, in esekuzzjoni tal-kreditu li jiġi kanonizzat bl-ewwel domanda, il-ħruġ kontra l-konvenut ta' mandat ta' arrest tal-persuna; bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-konvenut u bl-ispejjeż (kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Awissu, 1982);

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li, barra minn eċċezzjonijiet oħra, eċċepixxa l-inkompetenza *ratione materiae* ta' dik il-Qorti billi huwa mhux kummerċjant u lanqas il-materja in kwistjoni ma għandha tikkwalifika bħala ta' natura kummerċjali;

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Ġunju, 1983, li ċaħdet din l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-inkompetenza *ratione materiae* u ddikjarat lilha nnifisha kompetenti biex tisma', tittratta u tiddeċidi dan il-każ, u dan wara li kkunsidrat illi:

In sostenn tal-pretensjoni tiegħu, l-attur esebixxa bħala dok. A, l-iskrittura li biha ġiet effettwata l-lokazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni. Skond din l-iskrittura, l-atturi taw b'lokazzjoni lill-konvenut Angelo Mifsud il-post imsemmi 15, Triq ir-Rebbiegħa, Buġibba u dan biex skond l-ewwel artikolu ta' l-istess skrittura jintuża *solely and exclusively* bħala *Snack Bar - Restaurant*;

Il-konvenut xehed fil-kawża u qal li għandu ħanut tax-xorb f'Buġibba. Il-merkanzija ta' ġo fih jixtriha u jbigħha hu, però l-liċenzja mhix fuq ismu. Huwa għandu *Snack Bar* li jkun fih hu l-mara u kien ikollu *Barman* li kien *part time*. Fil-fatt dan il-

*Barman* mhux bħala impjegat kien, imma meta kienu jkunu hemm kienu jservu. Barra minn dan hu kellu tliet persuni oħra jgħinuh fil-ħanut b'xejn. Qabel ma ħa dan il-ħanut, l-attur kien ukoll kuntrattur. L-ideja li jieħu l-ħanut in kwistjoni kienet biex jagħmel sħab ma' żewġ Ingliżi li fil-fatt avvanzawlu xi flus;

Mill-kumpless tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut huwa kummerċjant u li għandu n-nies ukoll impjegati jaħdmu fil-ħwienet tiegħu u li l-ħanut li ħa permezz ta' l-iskrittura *de qua* ħadu għan-negozju u li għalhekk l-operazzjoni kollha kienet ta' natura kummerċjali. Kwindi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel eċċezzjoni ma tistax treġi;

Rat in-nota tal-konvenut li appella minn dik id-deċiżjoni u l-petizzjoni ta' l-istess konvenut li talab lil din il-Qorti tirriforma "is-sentenza appellata", fis-sens li tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti "tas-sentenza" fejn ġie ddikjarat li huwa kummerċjant u tiddikjara li l-istess konvenut mhux kummerċjant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi sokkombenti;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati li ssottomettew li d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija inappellabbli; li l-proċedura adottata mill-appellant hija skorretta peress li d-deċiżjoni hija digriet, u għalhekk l-appell għandu jiġi ddikjarat irritu u null u miċħud bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kliem tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 779 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "id-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-ewwel grad u tal-Qorti ta' l-Appell ... dwar liema hija l-Qorti kompetenti jingħataw permezz ta' digriet" u anke fis-subartikolu (6) ta' l-istess artikolu, deċiżjoni bħal din in eżami hija kwalifikata bħala digriet;

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju, għalhekk, li d-deċiżjoni li minnha sar l-appell preżenti hija digriet u mhux sentenza u għalhekk l-appell mill-istess deċiżjoni, indipendentement mill-kwistjoni jekk appell minn dik id-deċiżjoni anke kif intavolat mill-konvenut jistax isir jew le, ma setax isir bil-forma stabbilita mil-liġi għal appelli minn sentenzi;

Bla ma hemm l-ebda skop u utilità, għalhekk li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk l-appell, kif propost fil-każ preżenti, setax isir jew le, il-proċedura adottata mill-konvenut għall-interposizzjoni ta' l-appell hija skorretta;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiddikjara l-appell interpost mill-konvenut irritu u null u tordna li l-atti jiġu rrinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.